**17 ta' Jannar, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmel A. Agius B.A., LL. D. - A/President**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**
**Onor. Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Mario Azzopardi

*versus*

Reġistratur tal-Qorti *et.*

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Appell - Kostituzzjonali - Nullita' - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili - Frivolu u Vessatorju - Sempliċement - Appellabilita'**

*Ir-rikorrenti kienet ġiet lilu miċħuda talba għall-urġenza fil-kors ta' kawża kostituzzjonali. Ir-rikorrent kien talab l-urġenza billi r-rimedju li kien qiegħed ifittex kien ser jispiċċa biż-żmien u l-kawża għalhekk tkun inutili. Ir-rikorrent allega li b'dana l-mod ġie miksur id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Il-Prim'Awla ddikjarat ir-rikors frivolu u vessatorju. Il-Qorti Kostituzzjonali ddikjara l-appell interpost irritu u null.*

*Il-Qorti ddeċidiet li ma jistax jiġi impost appell minn deċiżjoni li rikors kostituzzjonali huwa frivolu u vessatorju. Dan ma jfissirx li l-Qorti*

*Kostituzzjonali m'għandhiex poter tissindika tali deċiżjoni. Tali riserva hija doverusa fl-interess tal-ġustizzja u taċ-ċittadin. Pero' fil-każ in kwistjoni l-materja kienet waħda frivola u vessatorja u ma kinitx tagħti lok għal appell.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Diċembru, 1994 fuq rikors ta' Mario Azzopardi;

Is-sentenza appellata taqra hekk:

"Rat ir-rikors ta' Mario Azzopardi li bih espona bir-rispett:

Illi b'rikors kostituzzjonali minnu ppreżentat fil-31 ta' Awissu, 1993 fl-ismijiet **Mario Azzopardi** *vs* **Antoine Portelli** *et* fejn huwa talab li r-regolament numru 13 maħruġ għat-tiġrijiet tat-8 ta' Settembru, 1993 jiġi ddikjarat anti-kostituzzjonali liema regolament jipprojbih milli jieħu sehem f'aktar minn tliet tiġrijiet;

Illi konġuntivament mar-rikors hawn imsemmi l-esponenti talab li *in vista* taċ-ċirkostanzi l-kawża tiġi mismugħa bl-urġenza iżda dan ir-rikors b'digriet ta' l-1 ta' Settembru, 1993 ġie appuntat għas-seduta tas-27 ta' Ottubru, 1993 fl-12.30 p.m.;

Illi l-esponenti fit-2 ta' Settembru, 1993 reġa' ppreżenta rikors fejn talab li dak id-digriet jiġi rrevokat *contrario imperio* liema talba ġiet ukoll miċħuda b'digriet tat-3 ta' Settembru, 1993;

Illi dan effettivament ifisser li d-drittijiet tiegħu kif stipulati

fl-artikolu 6(1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu miksura billi l-esponenti mhuwiex ser ikollu proċess għad-drittijiet fondamentali tiegħu fi żmien raġonevoli anzi jidher ċar li huwa *tilef ir-rimedju li seta'* kellu;

Rat ir-risposta tar-Reġistratur tal-Qrati li biha espona:

Illi, preliminarjament, huwa mhux il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandu jkun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi, bla preġudizzju għas-suespost, ma sar ebda ksur ta' l-artikolu 6 (1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 għaliex il-Qorti dejjem jibqagħlha d-*diskrezzjoni tiddeċidi dwar l-urġenza ta' każ* jew le bla ma b'xi mod tmur kontra r-rekwiżiti ta' l-artikolu msemmi. Fil-fatt, il-Qorti ddeċidiet bla dewmien għal darba, darbtejn dwar l-urġenza u għalhekk kienet taf sew x'inhi n-natura tal-każ quddiemha;

Illi għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent magħmula fl-aħħar paragrafu tar-rikors;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

Bl-ispejjeż";

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Frar, 1994 li bih ordnat li jiġi kkjamat fil-kawża l-Onorevoli Prim Ministru bħala rappreżentant tal-Gvern ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawża u senjatament l-atti tar-rikors ta' l-istess Mario Azzopardi tal-31 ta' Awissu, 1993 u tar-rikors l-ieħor

tat-2 ta' Settembru, 1993 u d-digrieti fuqhom *ta' din il-Qorti* diversament ippresjeduta fl-1 ta' Settembru, 1993 u tat-3 ta' Settembru, 1993 rispettivament;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tal-5 ta' Ottubru, 1994 li bih ir-rikors tħalla għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent b'rikors kostituzzjonali fil-31 ta' Awissu, 1993 fl-ismijiet **Mario Azzopardi** *vs* **Antonio Portelli** *et* talab li r-regolament numru 13 maħruġ għat-tiġrijiiet tat-8 ta' Settembru, 1993 jiġi ddikjarat anti-kostituzzjonali billi kien jipprojbih milli jieħu sehem f'aktar minn tliet tiġrijiet. F'din il-kawża la ġiet prodotta *kopja ta' dawn ir-regolamenti*, la kopja tar-rikors li bih ġiet avvanzata dik il-lanjanza kostituzzjonali; la ġiet indikata f'dawn l-atti l-linja ġenerali tal-motivazzjoni li fuqha hi bbażata l-allegata leżjoni ta' dritt fondamentali tar-rikorrent u lanqas liema minn dawn id-drittijiet fondamentali kien ġie leż;

Konġuntament ma' dak ir-rikors, ir-rikorrent talab li in vista taċ-ċirksotanzi, dik il-kawża tiġi mismugħa b'urġenza. Presumibbilment għaliex it-tiġrijiet li kien imiss kienu ser isiru fit-8 ta' Settembru, appena tmint ijiem wara li ġie ppreżentat ir-rikors;

Din il-Qorti diversament ippresjeduta, b'digriet ta' l-1 ta' Settembru, 1993, ċaħdet l-urġenza b'din il-motivazzjoni:

"Rat l-artikolu 8 (2) tar-Regoli ta' l-1993 dwar il-Prattika u l-

Proċedura *tal-Qrati*;

Rat li r-regolament li r-rikorrenti qiegħed jilmenta minnu ġie, flimkien ma' oħrajn, ippubblikat fil-Gazzetta *tal-Gvern ta'* l-20 ta' Awissu, 1993;

**Billi, għalhekk,** ***jidher li r-rikorrenti ma kellux*** **għaġla** partikolari biex jintavola r-rikors tiegħu, forsi għaliex huwa liberu li jeżerċita' l-isport tal-qdif kull x'ħin jogħġob lilu;

U billi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, it-talba għall-urġenza ma tinstabx legalment sostnuta;

Tiċħad l-istess talba";

F'dik l-istess okkażjoni l-Qorti appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-27 ta' Ottubru, 1993 - naturalment wara t-8 ta' Settembru, 1993;

Ir-rikorrent b'rikors tat-2 ta' Settembru, 1993 talab ir-revoka ta' dak id-digriet *contrario imperio* u reġa' talab is-smigħ tal-kawża bl-urġenza bil-ġustifikazzjoni li mhux minnu li hu kien dam biex ippreżenta t-talba tiegħu. Issottometta illi:

"Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Awissu, 1993 filgħaxija saret laqgħa bejn l-intimati u l-Każin tar-Regatta ta' l-Isla li fiha din il-kwistjoni ġiet diskussa biex forsi l-partijiet jaslu għal ftehim amikevoli. Kien għal din ir-raġuni li hu kien ippreżenta r-rikors tiegħu l-ġimgħa ta' wara";

Din il-Qorti diversament ippresjeduta b'digriet tagħha tat-3

ta' Settembru, 1993, reġgħet ċaħdet din it-talab għall-urġenza b'din il-motivazzjoni:

"Ir-rikorrent ġab bħala skuża li ma ppreżentax ir-rikors kostituzzjonali tiegħu qabel il-fatt li fis-27 ta' Awissu, 1993 filgħaxija saret laqgħa bejn l-intimati u l-Każin tar-Regatta, biex forsi l-partijiet jaslu għal ftehim amikevoli;

Billi pero' r-rikorrenti kien messu aġixxa fil-pront wara l-20 ta' Awissu, 1993 biex iħares id-drittijiet kostituzzjonali tiegħu li allegatament ġew leżi u stenna trankwillament l-eżitu ta' dawn it-trattattivi;

U billi, għalhekk, il-posizzjoni li jinsab fiha r-rikorrenti hija għal kollox *self inflicted*, ir-raġuni li wasslet lil din il-Qorti biex tiċħadlu t-talba għas-smigħ tar-rikors tiegħu bl-urġenza tibqa', għalhekk, valida għaliex l-istess rikorrenti manifestament wera li ma kellux għaġġla partikolari biex ir-rikors tiegħu jiġi ttrattat u deċiż";

Il-Qorti kkunsidrat l-atti quddiemha u n-natura tal-lanjanza ssollevata fl-isfond tal-fatti pprovati u waslet għall-konklużjoni li l-ilment tar-rikorrent kien wieħed sempliċement frivolu u vessatorju. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fil-qosor biex tovvja għall-aggravju - ġa' f'okkażjoni oħra ssollevat - illi l-fatt li l-Qorti inoltrat iżżejjed fl-eżami tal-meritu tar-rikors jinċidi negattivament fuq id-deċiżjoni tagħha ta' frivolezza u vessatorjeta', fis-sens li allura ma jkunux ġustifikati dawn l-apellattivi għall-meritu;

Hu nnotat li r-rikorrent qed jaġixxi biss għad-dikjarazzjoni

ta' vjolazzjoni ta' dritt tiegħu għas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett bl-artikolu 6 subinċiż (1) tal-Kap. 319 li jinkorpora bħala parti *integrali tal-Korp Leġislattiv tal-pajjiż, il-Konvenzjoni* Ewropeja għall-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Mhuwiex qed jaġixxi in forza tal-protezzjoni mogħtija lill-istess dritt fil-Kostituzzjoni ta' Malta fis-subinċiż (2) ta' l-artikolu 39. *Stricto iure* allura dan mhuwiex rikors ta' indole kostituzzjonali;

Jirriżulta ppruvat li din il-Qorti, diversament ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tar-rikors kostituzzjonali oriġinali tar-rikorrent li pprovoka dawn il-proċeduri immedjatament u degretat, fid-diskrezzjoni tagħha, kif u meta kellu jiġi ttrattat, ċertament entro t-termini tar-regoli ta' l-1993 dwar il-prattika u l-proċedura tal-Qrati;

Fil-konsiderazzjoni meqjusa tagħha, dik il-Qorti dehrilha li kellha tiċħad it-talba għall-urġenza. Konsiderazzjoni mmotivata li din il-Qorti, taqbel jew ma taqbilx magħha, ma jidhrilhiex li għandha jew verament tista' tiddisturba jew tikkontrasta jekk mhux f'każijiet estremi fejn tirriżulta inġustizzja pależi jew il-perikolu ta' leżjoni gravi ta' dritt fondamentali li tkun irriversibbli. Indubbjament kull Qorti għandha d-dritt li tiddefenixxi meta jokkorru ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw is-smigħ ta' kawża bl-urġenza, u din id-deċiżjoni la hi normalment sindakabbli u lanqas appellabbli;

Ir-rikorrent hu għal kollox żbaljat meta jallaċċja l-allegata ċaħda ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli mal-preġudizzju li jista' jsofri bħala konsegwenza ta' dewmien fid-determinazzjoni tat-talba tiegħu, anke jekk dan il-preġudizzju jista' jkun fattur li jiddetermina l-eżistenza ta' leżjoni ta' nuqqas ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Dan il-preġudizzju jista' jiġi rrimedjat mod ieħor u ma jirriżulta l-ebda provvediment li jimponi fuq il-Qorti li tassigura r-*restitutio in*

*integrum*. Hu infatti risaput illi fil-każ ta' sentenzi tal-Qorti Ewropeja, *il-just satisfaction to the injured party*, li jipprovdi għaliha l-artikolu 50 tal-Konvenzjoni tieħu invarjabbilment il-forma ta' kumpens finanzjarju. Inoltre ġie ukoll rikonoxxut illi r-rimedju għal-leżjoni ta' dritt fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jista' ukoll jieħu forma ta' kumpens finanzjarju anke għal danni hekk imsejħa morali;

Il-Qorti tinnota illi fil-motivazzjoni tagħha meta ċaħdet it-talba għall-urġenza fuq it-tieni rikors tar-rikorrent hi ukoll aċċennat għall-fatt li fil-fehma tagħha kien hemm dewmien da parti tar-rikorrent biex javvanza r-rikors kostituzzjonali tiegħu u li allura "is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha r-rikorrent kienet għal kollox *self-inflicted*". Apprezzament dan, li l-Qorti għandha taċċetta u m'għandhiex tiddisturba imma li hu ukoll wieħed mill-fatturi li jinfluwenza lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropeja fid-definizzjoni ta' x'jitqies li hu *reasonable time* a tenur ta' l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni invokat mir-rikorrent;

"The factors which the Commission and Court have examined when determining whether a given proceeding has met the *reasonable time* standard, are the complexity of a given case, the way the authorities handled the matter, **aspects of the applicant's own conduct which may have contributed to any delays**, and special circumstances which may have justified prolonging the proceedings";

(Gomien Short Guide to the European Convention on Human Rights - 1991);

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara li l-ilment avvanzat mir-rikorrent hu wieħed sempliċement frivolu u vessatorju a tenur

ta' l-artikolu 4 tal-Kap. 319 u tiċħdu. Bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess rikorrent";

Minn din is-sentenza appella l-istess rikorrent Mario Azzopardi permezz ta' rikors ippreżentat fl-20 ta' Diċembru, 1994 li bih qiegħed jitlob li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza msemmija billi tilqa' t-talba tiegħu u tiċħad l-eċċezzjonijiet issollevati mill-intimati bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

Għal dan l-appell l-Onorevoli Prim Ministru u r-Reġistratur tal-Qrati ppreżentaw risposta fid-9 ta' Jannar, 1995 li fiha *inter alia* u in linea preliminari eċċepew li kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta (artikolu 46 (5)) kif ukoll skond il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta (artikolu 4 (4)) ma jistax isir ebda appell minn deċiżjoni ta' vessatorjeta` jew frivolosita` u għalhekk l-appell ippreżentat mir-rikorrent għandu jiġi ddikjarat irritu u null;

Rat l-atti kollha relattivi inklużi l-verbali tas-seduti li kienu miżmuma minn din il-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi, skond il-verbal tat-22 ta' Novembru, dan l-appell ġie differit għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari dwar allegata irritwalita` ta' l-appell u jekk ikun il-każ anke fuq il-meritu u dan billi illi fl-istess seduta din il-Qorti kienet issuġġeriet li jiġi ttrattat ukoll il-meritu ta' l-appell;

Ser tiġi kkunsidrata l-ewwel għalhekk il-kwistjoni tar-ritwalita`

o meno ta' dan l-appell;

Ikkunsidrat:

Din il-kwistjoni proċedurali ġiet diversi drabi dibattuta u deċiża minn din il-Qorti tul l-aħħar snin. Senjatament issir referenza partikolari għas-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Mejju, 1995 in re **Joseph Ciantar** *et vs* **Onor. Prim Ministru** fejn is-sitwazzjoni li temerġi mill-ġurisprudenza preċedenti ġiet analizzata u ġie deċiż ukoll l-aspett ta' l-assolutezza tal-prinċipju illi minn deċiżjonijiet li jkunu ddikjaraw il-kwistjoni frivola jew vessatorja ma jkunx hemm dritt ta' appell;

Mhuwiex il-każ illi din il-Qorti terġa' toqgħod tagħmel rassenja sħiħa ta' din il-ġurisprudenza anke għaliex essenzjalment taqbel ma' dak li ġie deċiż fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret referenza. Jista' jingħad pero` illi mill-ġurisprudenza in eżami jemerġu żewġ prinċipji fondamentali. L-ewwel prinċipju huwa illi mhix korretta s-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-artikoli 46 (5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (4) tal-Kap. 139 japplikaw biss għall-każ fejn ikun hemm talba għal referenza u mhux meta jkun hemm rikors oriġinali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Dan il-punt diġa` ġie dibattut *ad nauseam* fis-sentenza preċedenti fejn ġie indikat illi anke mill-istess terminoloġija adoperata mil-liġi dan id-divjet ta' dritt ta' appell jirrikorri kemm fil-każ fejn jittieħdu proċeduri oriġinali mill-persuna kkonċernata,. It-tieni punt illi joħroġ jirrigwarda l-assolutezza u f'dan ir-rigward din il-Qorti ma tarax li għandha tgħid aktar ħlief li tagħmel referenza għal dak li hemm fis-sentenza in re **Ciantar** *vs* **Prim Ministru ta' Malta** ċċitata aktar 'il fuq u ċjoe` partikolarment għall-parti f. jn jingħad:

"Din il-Qorti Kostituzzjonali li bis-saħħa ta' l-artikolu 95(2)(ċ) tal-Kostituzzjoni għandha tisma' u tiddeċidi - "Appelli minn deċiżjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni" u għaldaqstant, meta quddiemha jidher appell minn sentenza li ddeċidiet li t-tqanqil jew it-talba huma __sempliċement__ frivoli u/jew vessatorji, għandha allura l-kompitu, daqstant ieħor sempliċi, li mill-ewwel tara li *manifestament hekk* hu u konsegwentement tirrifjuta l-appell. Dana kwantu jirrigwarda l-assolutezza";

Jiġi osservat ukoll illi f'dik is-sentenza din il-Qorti kienet spjegat li jista' jkun hemm ċirkostanzi tali fejn din il-Qorti riedet tirriserva d-dritt tagħha li tkun tista' tissindika dik id-deċiżjoni - riserva li evidentement saret fl-interess tal-ġustizzja u taċ-ċittadin, f'materja tad-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-bniedem li huma tant importanti;

Fil-każ in diżamina din il-Qorti minn eżami tas-sentenza appellata u l-mod kif ġew żviluppati l-argumenti ta' l-ewwel Onorabbli Qorti fil-konfront tat-talba tar-rikorrent u anke tal-mod kif l-istess rikorrent segwa l-istess talba tiegħu tara illi ma kienx hemm soluzzjoni oħra raġonevoli għall-ewwel Qorti ħlief illi tiddeċidi kif iddeċidiet u li ċjoe', wara illi tissostanzja l-argumenti tagħha, tiddikjara li l-istess talba kienet waħda frivola u vessatorja;

Hawnhekk din il-Qorti terġa' tagħmel referenza għal dak illi kien ingħad minnha fis-sentenza in re **Ciantar *vs* Prim Ministru ta' Malta** sup. cit. u ċjoe' illi meta l-kontinġenza msemmija ċjoe' tal-frivolezza u vesstorjeta' hija lampanti u lampanti b'mod manifest u ċar, allura l-liġi trid li tiġi dik il-kwistjoni imbullata kif jixirqilha, ċjoe' bħal frivola u/jew vessatorja u li l-kwistjoni tieqaf hemm.

Dan jattalja perfettament għall-każ in eżami;

Hemm osservazzjoni finali li din il-Qorti tixtieq tagħmel u dana joħroġ minn wieħed mill-aggravji ta' l-appellant ikkontenut fir-rikors ta' l-appell tiegħu. Huwa jsostni illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx wara li kkunsidrat il-punti legali kollha involuti tiddikjara dan ir-rikors tiegħu bħala frivolu u vessatorju. Id-digriet b'dan l-effett ried isir fil-bidu tal-kawża u mhux wara dibattitu twil. Il-Qorti trid turi l-frivolosita' u l-vessatorjeta' tal-każ u mhux tiddikjara dan b'mod li jqum dubbju jekk jistax isir appell. F'kelma oħra dan id-dritt ma jistax jiġi adoperat b'mod indiskriminat, ċjoe' li jwassal għall-abbuż fis-sens limitat li f'kull kawża Kostituzzjonali jista' jiġi hekk deċiż u għalhekk hemm bżonn li dan ikollu ukoll il-binarji u l-limitazzjonijiet u mhux jiġi użat indiskriminatament;

Din is-sottomissjoni hija karatterizzata minn kontradizzjoni lampanti, u ċjoe', illi għalkemm mhux eskluż li jista' jkun hemm każijiet fejn il-frivolezza u/jew il-vessatorjeta' ta' kwistjoni jew ta' punt issollevat jista' jemerġi mill-istess korp ta' l-att ġudizzjarju promotorju, huwa ugwalment normali illi l-frivolezza u l-vessatorjeta' o meno temerġi wara li l-punt issollevat jew il-kwistjoni ssollevata kemm f'talba ta' referenza kif ukoll f'rikors oriġinali jiġi dibattut. Anzi jista' jingħad illi diffiċilment wieħed jista' jeskludi xi tip ta' trattazzjoni fuq il-meritu jew fuq il-kwistjoni kostituzzjonali qabel ma tkun tista' tittieħed deċiżjoni fuq l-aspett l-ieħor proċedurali. L-argument imbagħad ta' l-appellant illi l-Qorti speċi tista' tabbuża mil-liġi u tiċħad id-dritt ta' appell awtomatikament billi tiddeċidi li talba jew kwistjoni ssollevata hija frivola u vessatorja, huwa argument li din il-Qorti ma tistax taċċetta għaliex huwa mibni fuq premessa li l-Qorti hija irresponsabbli u insensittiva għad-dover fiha fdat mill-istess Kostituzzjoni u mill-Kap. 319. Il-

Qorti tiddikjara li l-kwistjoni ssollevata hija frivola u vessatorja fid-diskrezzjoni tagħha rriservata lilha kif ingħad mill-għola liġi fil-pajjiż. Jekk dik id-diskrezzjoni tkun ġiet użata manifestament ħażin, saż-żmien meta ngħatat is-sentenza in re **Ciantar *vs* Prim Ministru**, ma kienx jidher illi kien hemm soluzzjoni prattika, pero` bl-imsemmija sentenza din il-Qorti, kif ingħad, ħalliet bieb miftuħ;

Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk l-unika deċiżjoni li tista' tasal għaliha din il-Qorti hija illi f'dan il-każ partikolari għandha *tilqa' l-eċċezzjoni* ta' l-Onorevoli Prim Ministru u Reġistratur tal-Qrati u tiddikjara li in kwantu l-ewwel sentenza ddeċidiet li l-kwistjoni kienet frivola u vessatorja, din kienet deċiżjoni tant manifestament u pjenament korretta illi mhuwiex il-każ li din il-Qorti tmur oltre milli tiddikjara l-appell interpost bħala irritu u null;

Konsegwentement, filwaqt li tiddikjara l-appell irritu u null ma tiħux aktar konjizzjoni tiegħu u tordna li jitneħħa minn fuq il-listi tas-smigħ. Spejjeż ta' din l-istanza għall-appellant.